MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2011

Numru. 352/2011

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND MICALLEF**
**KONTRA**

**CARMEL MUSCAT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Carmel Muscat ta' 36 sena, bin Carmelo u Maria Dolores nee' Cassar, mwieled Pieta' nhar il- 5 ta' Lulju 1974, residenti 17, Vancouver, Flat 1B, Triq iz- Zahar, Rabat Malta u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 399674M;

Li gie mressaq quddiemna sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli f’ dawn il- Gzejjer fil- 25 ta’ Frar 2011 u fix- xhur ta’ qabel b’ diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, jiksru l- istess disposizzjoni tal- Ligi u jkunu gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda;

1) Fl- istess dati, hinijiet, lokalitajiet u cirkostanzi, biex jissodisfa z- zina ta’ haddiehor, gieghel bil- vjolenza, jew hajjar b’ qerq, persuna tal- eta’ u cioe’ lil Edwina Zammit ta’ 25 sena ghall- prostituzzjoni, liema delitt sar b’ abbuz ta’ awtorita’, ta’ fiducja jew ta’ relazzjonijiet familjari nkella bhala drawwa jew bi hsieb ta’ qliegh;

2) U aktar talli fl- istess dati, hinijiet, lokalitajiet u cirkostanzi, zamm jew xjentement ghen biex tinzamm persuna, kontra r- rieda taghha, f’ burdell jew f’ lokal iehor uzat bi drawwa ghal skop ta’ prostituzzjoni, ukoll jekk din il- persuna tkun marret hemm minn rajha u baqghet hemm biex tezercita l- prostituzzjoni, u ghad illi din il- persuna jista’ jkollha obbligi jew djun lejn xi persuna ohra;

3) U aktar talli fl- istess dati, hinijiet, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentement , ghex ghal kollox jew f’ parti, minn fuq il- qligh tal- prostituzzjoni ta’ persuna ohra;

4) Aktar talli fl- istess dati, hinijiet, lokalitajiet u cirkostanzi, bl- imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor u cioe’ lil Edwina Zammit, biza’ li se tintuza vjolenza kontriha, kontra l- familjari taghha jew kontra l- propjeta’ taghha;

5) Aktar talli fl- istess dati, hinijiet, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamel ingurji u/ jew theddid fil- konfront ta’ Edwina Zammit u tal- familjari taghha;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f'din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Illi bl-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, din il-Qorti qed issibu hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u ghalhekk ser tghaddi biex taghti s-sentenza. Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. Il-Pulizija rceviet rapport mis-siehba tal-imputat, certa Edwina Zammit, li kienet qed tigi mgieghelha tipprostitwixxi ruhha minnu, u hu kien qed jiehu l-qligh kollu. Fl-istqarrija rrilazzjata minnu, l-imputat qal li Zammit kienet qed taghmel dan minn jeddha minghajr ma jgieghelha, izda bl-ammissjoni tieghu din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tisma' provi ohra. Irrisulta wkoll li bejn Zammit u l-imputat ghad hemm relazzjoni tajba, u fis-sottomissjonijiet fuq il-piena l-Qorti giet infurmata li ma kienx hemm htiega ta' piena ta' prigunerija effettiva. Il-Qorti rat ukoll li l-Artikolu 18 tal-Kap 9, ghalkemm moghti fl-imputazzjonijiet, mhux applikabbli, peress illi min-natura tar-reat hemm implikat il-kontinwita' ta' din l-attivita', u ghalhekk il-piena m'ghandiex ghalfejn toghla bi grad. Inoltre, il-Qorti rat il-fedina penal ital-imputat, li fil-verita' hija mimlija kundanni, izda ma inghatax l-addebitu tar-recidiva. Ghalhekk il-Qorti tista' taghti l-piena ta' prigunerija sospiza, li fic-cirkostanzi partikolari ghall-ahhar tidher li hija l-piena l-aktar ideoneja ghal dan il-kaz. Il-Qorti sejra wkoll torbot lill-imputat b'Ordni ta' Supervizjoni ma' Ufficjali tal-Probation tul il-perijodu operattiv tas-sospensjoni tas-sentenza, kif ukoll sejra taghti

provvediment ghall-harsien ta’ Zammit ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l- Artikoli 205, 251B, u 339(1)(d) u (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
U l-Artikoli 5 u 7 tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah tmintax- il xahar (18) prigunerija sospizi ghal sentejn (2) taht supervizjoni ai terminu tal- Artikolu 28G tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.
Tapplika l- Artikolu 412C tal- Kapitolu 9 ghal tlett (3) snin favur Edwina Zammit.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------